KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 68

**L-Erbgħa 9 ta' Awwissu 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

68.1.1 Is-SE qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Bugeja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

68.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

68.2.2 Il-Kunsillier Mifsud propona li dawn jiġu approvati filwaqt li s-Sindku ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 68.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku informa li kien beda bil-preparamenti tal-attività tal-anzjani għal Għawdex li normalment tinzamm fix-xahar ta' Settembru. Huwa informa li possibbilment kien se jipprova jaħdem bl-istess prezzijiet tas-soltu.

68.3.2 Hawnhekk is-Sindku wera d-dizappunt tiegħu dwar is-servizz tal-ġabra ta' skart goff wara li għal darb'oħra l-kuntrattur kien ħalla ġabra barra. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandu jinħareġ avviz ta' *default* lil dan il-kuntrattur.

68.3.3 Is-Sindku staqsa lis-SE dwar id-devoluzzjoni ta' Ġnien l-Imtarfa. Is-SE infurmat li kienet reġgħet tkellmet ma' persuna fi ħdan il-Ministeru u dan kien wiegħed li se jiġbed l-attenzjoni tal-persuna inkarigata. Is-SE talab lis-SE biex terġa' tagħmel *follow up*. Hawnhekk is-SE infurmat li dan kienet se tagħmlu pero' kien hemm bzonn li min-naħa tal-Gvern Ċentrali jieħu ħsieb ta' ċertu affarijiet ta' manutenzjoni qabel ma dan jiġi devolut għaliex inkella l-Kunsill kien se jidħol fi spejjez kbar li se jtellfu l-operat tiegħu f'oqsma oħra.

## 68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

68.4.1 *Il-Kunsillier Fenech: Talba għal informazzjoni dwar rikjesta biex isir dawl fi riq G. Carafa:*

68.4.2 Is-SE prezentat kopja tal-kwotazzjoni li kienet tammonta għal €802.40. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Awtorità tad-Djar kienet infurmat li dik kienet proprjetà tagħha u għaldaqstant hija ssuġġeriet li din ma ssirx. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jerġa' jikteb lill-Awtorità tad-Djar u ssir talba biex dawn jirranġaw id-dawl min-naħa tagħhom.

68.4.3 Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti tal-blokka u jinfurmahom dwar il-grada u d-dawl.

## 68.5 Talba għal kwotazzjonijiet lill-periti għal xogħlijiet diversi madwar il-lokalità

68.5.1 Is-SE prezentat kopja ta' pjanta bil-proposta għar-riorganizzazzjoni tal-parkeġġ fi Triq ir-Reġimenti Maltin għad-diskussjoni tal-Kunsill. Hija infurmat li l-istima għal dan ix-xogħol kienet se tintbagħat wara li l-Kunsill japprova d-disinn fil-prinċipju.

68.5.2 Il-Kunsill qabel li għandha tizdied *bus bay* oħra ftit 'il fuq mill-oħra u l-*un/loading bay* issir parkeġġi għar-residenti. L-*un/loading* jista' jibqa' jsir taħt l-arkata jew fil-parkeġġ iz-zgħir aktar 'il ġewwa kif qed isir bħalissa.

68.5.3 Is-SE prezentat ukoll stima oħra din id-darba minħabba qsim li hemm fil-passaġġ ta' wara Triq Sir Philip Pullicino. L-istima kienet titla' għal €15,315. Minħabba l-periklu li hemm, il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Periti biex jagħmlu rapport għaz-zona kollha biex jitneħħa l-periklu. Is-Sindku għandu jagħmel talba għall-għajnuna lill-Gvern Ċentrali minħabba li l-ispiza hija kbira wisq biex iġorrha l-Kunsill Lokali.

68.5.4 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud fakkar il-kwistjoni taċ-ċediment tal-belveder tal-bosk. Fuq suġġeriment tiegħu, il-Kunsill qabel li s-SE għandha tkellem lil Perit indipendenti u ġġib parir dwar dan mingħand l-avukat tal-Kunsill.

68.5.5 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill kien għadu qed jistenna wkoll il-pjanta mingħand il-perit dwar riorganizzazzjoni tal-parkeġġi fi Triq l-Imtarfa quddiem il-ħanut taz-zebgħa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel talba uffiċjali biex jitmexxa l-*bus shelter* u jinġabu kwotazzjonijiet għal *bus shelter* miftuħ li jippermetti lil min qed jistenna biex jistkenn taħtu u min ikun għaddej minn fuq il-bankina jkun jista' jibqa' għaddej mingħajr ma jkun kostrett li jinzel.

## 68.6 Ittra mir-Reġjun Tramuntana dwar tarmak fil-lokalità

68.6.1 Is-SE prezentat kopja tal-ittra mibgħuta mir-Reġjun Tramuntana fejn tgħid li l-Kunsill kien se jingħata s-somma ta' €2763 biex jiksi xi parti minn triq.

68.6.2 Bħalma kien diġà ġie deċiz f'kommunikazzjoni bejn il-partijiet kollha, kien hemm qbil li tingħazel Triq il-Maqdes Ruman kantuniera ma' Triq Sir A. Fremantle, partikolarment l-ewwel parti minn fejn jidħlu t-tfal tal-iskola. Kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ ukoll parti mill-allokazzjoni sa massimu ta' spiza totali ta' €10,000.

68.6.3 Hawnhekk is-Sindku informa li sadanittant huwa kien diġa' għadda l-istima għat-triq kollha lill-Gvern Ċentrali izda ma kienx għad kellu risposta definittiva li x-xogħol se jsir min-naħa tagħhom.

68.6.4 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-8:25pm.

## 68.7 Ittra mill-Kumitat ta' Binja Qlejgħa

68.7.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mill-Kumitat ta' Binja Qlejgħa. Hija qrat il-kontenut tal-ittra u wriet ukoll il-pjanti li ġew prezentati magħha (kopji mehmuza).

68.7.2 Min-naħa tagħhom dawn kienu qed jinsistu li mhumiex responsabbli mill-ħitan u s-*soft areas* li hemm madwar il-binja u għaldaqstant talbu lill-Kunsill jew lill-Awtoritajiet konċernati sabiex tittieħed azzjoni b'mod speċjali fir-rigward tal-ħajt li jinsab fuq il-garaxxijiet faċċata tal-iskola Primarja minħabba li jinsab perikoluz.

68.7.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jikkommetti ruħu u għaldaqstant l-amministratur tal-blokka se tintalab tattendi ghal-laqgħa li jmiss. Kien hemm qbil ukoll li tinġab stima għax-xogħlijiet sal-laqgħa li jmiss.

## 68.8 Problema bl-iskart tar-residenti ta' Binja Msieraħ

68.8.1 Is-Sindku informa li xi residenti minn Binja Msieraħ kienu qed jilmentaw minħabba li s-sit magħzul fi Triq Theuma Castelletti mhux jogħġobhom u qed jissuġġerixxu li tinbidel.

68.8.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-lok magħzul oriġinarjament, u kif kien maqbul ukoll ma' numru konsiderevoli mir-residenti li joqogħdu fl-istess binja, m'għandux jinbidel.

## 68.9 Estensjoni tal-kuntratt għal forniment ta' sinjali tat-traffiku immarkar tat-toroq (MTFLC/Q/05/2016)

68.9.1 Is-SE infurmat li kien skada l-kuntratt u għaldaqstant il-Kunsill approva li jiġi estiz għal sena oħra.

## 68.10 Ċirkularijiet mill-AKL u mid-DLG

68.10.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' numru ta' ċirkularijiet mill-AKL u mid-DLG u staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi kummenti x'jgħaddu dwar kull ċirkulari individwali. Iċ-ċirkularijiet kienu:

Ċirkulari 18/2017- Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jissieħeb mal-Iskema ta' WEEE Malta biex jiġbru l-WEEE huma u l-Kunsill ma jħallasx għal din il-ġabra.

Ċirkulari 19/2017 – Se jinbidel is-servizz minn Melita għal GO għall-istreaming tal-laqgħa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Ċirkulari 20/2017 – Il-Kunsill ġie mitlub biex japplika għall-VAT, għalkemm huwa *VAT exempt*. Is-SE infurmat li l-Kunsilli kienu qed jistennew aktar dettalji.

Ċirkulari AKL 46/2017 – L-AKL infurmat lill-Kunsilliera li kienet qed tissuġġerixxi li kull wieħed minnhom jagħti s-somma ta' €2.33 bħala donazzjoni mill-*allowance* tagħhom. Kien hemm qbil li kull Kunsillier għandu jikkonferma dan bil-miktub mas-SE.

Ċirkulari AKL 47/2017 - L-AKL kienet għaddiet rapport dwar dwar il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart – diversi mizuri biex jitnaqqas l-iskart imħallat u jidied l-iskart riċiklabbli.

Ċirkulari AKL 55/2017 – L-AKL infurmat lill-Kunsilli li dwar l-iskemi tal-ħaddiema, qed jiġi ssuġġerit li kunsill b'ħames kunsilliera jkollu 3 ħaddiema. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 68.11 Estimi għall-irranġar ta' sistemi ta' dawl

68.11.1 Is-SE infurmat li kienet ġiet ordnata *floodlight* f'Binja Msieraħ minħabba li kienet inqatgħet. Din kienet swiet €442.50. Hija infurmat li minħabba li kienet manutenzjoni f'post pubbliku u li jiġi aċċessat f'kull ħin kienet mexxiet bl-ordni għall-bdil tagħha. Il-Kunsill approva.

68.11.2 Sadanittant infurmat li kienet inġabet ukoll stima għal xogħol fuq id-dawl maqtugħ fejn kienet inħarqet il-*bring in site* fi Triq Dar il-Kaptan. Din kienet tiswa €1254.34. Il-Kunsill qabel li ma jsirx ix-xogħol.

68.11.3 Hawnhekk is-Sindku ġibed l-attenzjoni li huwa kien se jipprova jattendi għall-Clean Up li kienet qed tiġi organizzata madwar Malta kollha nhar is-16 ta' Settembru.

## 68.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

68.12.1 Għall-mistoqsija tas-SE dwar jekk hemmx xi oġġezzjonijiet jew mistoqsijiet għall-pagamenti, inġibdet l-attenzjoni dwar il-pagament għall-Periti Lewis u Micallef. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandhom jinqatgħu l-ammonti tax-xogħlijiet rigwardanti l-bosk minħabba li x-xogħol fuq il-permessi neċessarji kienet qed tieħu wisq fit-tul. Il-ħlas li se jsir lilhom għalissa huwa ta' €7840.32.

68.12.2 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonta u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 68.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

68.13.1 Il-laqgħa intemmet fid-9:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgha 13 ta' Settembru 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Settembru 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |